**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun żTN1369**
**Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: żejtun.lc@gov.mt website: www.żejtunlocalcouncil.com**

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott Iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 10/10 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marżu 2008 | |
| **Data** | 07/07/2010 fis-6:00pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun żTN1369 | | |
| **Attendenża** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Assenti |
| | | Darmanin Richard | Preżenti |
| | | Fenech Stephanie | Assenti |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti mis 18:15 |
| | | Seychell Anthony | Preżenti - sas 6.30 |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| | | Fenech kienet assenti minħabba raġunijiet ta' safar filwaqt li Camilleri minħabba raġunijiet ta' xogħol. | |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |

**10. 1.** **Qari u Approvażżjoni tal-Minuti**

| **Riferenża** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Proponent: Sekondant: | **Il-Minuti 09/10 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korreżżjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 8.2.14 | Għandhom jiżdiedu dawn il-kliem : ' sabiex inkopru l-ispejjeż ta' amministrażżjoni u l- manutenżjoni tal-posti' | | |
| | 09.9.18 | Id-data tinbidel minn 17 ta' Mejju għas 17 ta' Ġunju. | | |
| 10. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**10. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenża** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2. 1 | 08.2.9 | Viċi-Sindku - 'Kampanja Żejtun Nadif' - Studenti Primarja B | Il-Vici Sindku spjegat kif l-attivita tat-tqassim tal-biros saret kif kien previst u kif l-attivita kienet suċċess. Is-sindku irringrażżja lill-Vici-Sindku tal-ħidma tagħha f'dan ir-rigward. | Vici-Sindku |
| 10. 2. 2 | 09.2.3 | Sindku- Laqgħa ma' L-MTA | Is-Sindku spjega kif saret il-laqgħa mas-Sur Tony Ellul mill l-MTA fejn gie diskuss kif iż-Żejtun jista tabilħaqq isir tassew lokal sostenibbli. Is-Sur Ellul wera l-interess tiegħu fil-proposti msemmija u għaldaqstant ser issir laqgħa oħra fuq dan ir-rigward fil-gimgħat li ġejjin. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll is-Sur T. Seychell. | Segretarjat |
| 10. 2. 3 | 08.2.14 | R. Darmanin - Bejjiegħa tal-Monti | Is-Sur Darmanin spjega kif erba' persuni li kienu qed jarmaw is-suq mingħajr permess intalbu ma jarmawx aktar u għaldaqstant ħargu erba' permessi ġodda lill-ewwel erba' bejjiegħa li kien hemm fuq il-'waiting list'. Darmanin spjega wkoll kif waslitlu nformażżjoni li hemm nies oħra li qed jarmaw mingħajr permess u għalhekk ser jigu mwissijja wkoll u jintalbu ma jarmawx aktar b'effett immedjat. | Darmanin |
| 10. 2. 4 | | Sindku - Laqgħa mas-Sur Joe Baldacchino tigward it-tisbiħ ta' Misraħ Indipendenza | Il-Sindku talab sabiex isir kuntatt mas-Sur Baldacchino sabiex kif obbligat jonora l-ftehim għall l-iżvilupp ta' Misraħ Indipendenza u sabiex tiġi segwita l-applikażżjoni tal-UIF. | Sindku / Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2. 5 | 09.2.4 | Vici-Sindku - Servizz fil-Komunita' | Il-Vici-Sindku spjegat kif Jeffrey Pulis wasal fi-tmiem ta-perjodu ta' ħidma tiegħu u għalħekk ser jibda bl-istess kriterji Benua Camilleri għal perjodu ta' tlett xhur. Camilleri ser iwettaq il-ħidma tiegħu nħar ta' Ħadd filgħodu. | VIċi - Sindku |
| 10. 2. 6 | 09.2.8 | Joan Agius - Żjara lill anżjani | Il-Viċi-Sindku spjegat kif saru ż-żjarat li kienu previsti lir-residenti taż-Żejtun home kif ukoll ta' San Vincenż De Paule. F'dawn iż-żjarat kollox mar kif kien mistenni. | Viċi-Sindku |
| 10. 2. 7 | 09.5.1 | Sindku - Żjara tal-President | Is-Sindku irringrażja lill-kulħadd tal-koperażżjoni li ntweriet u spjega kif kollox mexa skond kif kien ippjanat. Il-Viċi-Sindku staqsiet kif ma kien ħemm l-ebda rappreżentat mill qasam taż-żagħżagħ. Minn naħa tagħħa Piscopo esprimiet id-dispjacir tagħħa għal fatt li meta sar il-ftuħ ufficjali ta' Ġnien iż-Żgħożija, ma saret l-ebda referenża għall l-għajnuna li ingħatat l-Kunsill mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku saħaq li sar ħajr lil-kulħadd u spjega kif il-Perit Anton Camilleri, eks Direttur tad - Dipartiment tal-kostružżjoni u Manutenżjoni ġie mistieden sabiex jattendi iżda sfortunatament kien imsiefer. | |
| 10. 2. 8 | | Joan Agius - Attivita' jum il-Missier | Il-Vici-Sindku spjegat kif din l-attivita kienet suċċess u kif dawk kollha li attendew kienu sodisfatti. Is-sindku irringrażżja lill-Vici Sindku għax-xogħol tagħħa f'dan ir-rigward u irrakomanda biex għas-snin li ġejjin l-attivita ma tkunx daqstant impenjattiva. | Vici-Sindku |

**10. 3. Korrispondenża**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenża li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/10. B'riferenża għal:

| Riferenża | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 3. 1 | 01 | MEPA: 02268.10 /02596/10 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenżjoni tal-MEPA li dawn is-siti jinsabu fil-village core u għalħekk għandu jinżamm it-texture u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 10. 3. 2 | | DLG - Għajnuna għat-tħawwil tas-sigar | Is-Sindku qara korrispondenża mingħand is-Sja Misokova fejn ġejna nfurmati li ġie deċiż li din l-iskema ser titpoġġa 'on-ħold' sakemm id-Dipartiment jiddeċiedi kif ser jipproċedi fuq din l-iskema. | Segretarjat |
| 10. 3. 3 | | DLG - Mistoqsijiet Parlamentari | Is-Sindku qara numru ta' Mistoqsijiet Parlamentari ( PQ 18799, PQ 18973, PQ 18974 , PQ 19072, PQ 19069). Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li ingħatat risposta għal dawn il- Mistoqsijiet Parlamentari kollħa kif mitlub. | Segretarjat |
| 10. 3. 4 | | Martin Bugelli - Skema ta' Finanżjament għar-restawr ta' Postijiet Storici żgħar | Permezz ta' din il-korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali ġejna nfurmati li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Żejtun ma' ġietx milqugħa peress li l- kriterji selettivi stabbiliti ghal din is-sena kienu għal niċċeċ u slaleb, meta dan ma kienx speċifikat fit-talba oriġinali u slaleb u niċċeċ qatt ma kellhom ikunu deskritti bħala postijiet storiċi zgħar. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 3. 5 | | DLG - Memo91 | Is-Sindku qara Memo 91 fejn id-Dipartiment staqsa x'oġġetti u servizzi inxtraw permezz ta' direct orders mill-2006 sat 2 ta' Lulju 2010. Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li din l-informażżjoni ingħatat kif mitlub. | |
| 10. 3. 6 | | DLG - Memo 92 | Inqrat korrispondenza rigward il-proceduri dwar il-ħatra ta' Viċi-President fuq kull kumitat regjonali, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-Viċi-President għandu jiġi magħżul minn fost il-membri tal-Kumitati Regjonali b'votażżjoni bejn il-membri. | |
| 10. 3. 7 | | DLG - Memo 93 | B'referenża għal Memo 52/2010, permezz ta' din il-Memo il-Kunsill ġie nfurmat li l-informażżjoni mitluba għanda tasal għand il-Kunsill sal Ġimgħa 30 ta' Lulju u għand id-Dipartiment sa mhux aktar tard mill-Gimgħa 20 t'Awwissu. Is-sindku talab lill-Viċi Sindku sabiex tikkordina ma' Camilleri fuq dan ir-rigward. | |
| 10. 3. 8 | | DLG - Memo 95/2010 | Is-Sindku qara korrispondenża mingħand is-Sur Silvio Frendo rigward l-iskema dwar l-Inizjattivi ta' attivitajiet 2011. Id-data ta' l-għeluq għal din l-applikażżjoni hi nhar il-Ġimgħa 17 ta' Settembru 2010. | |

**10. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenża | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandażżjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 10. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 10/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 10. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 10/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**10. 5.** **Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart Bieb Bieb**

| Riferenża | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 5. 1 | | Sindku - Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart Bieb Bieb | Is-Sindku spjega is-sitważżjoni fuq il-kuntratt tal- ġbir ta' l-iskart bieb bieb u kif ma ntlaħaq l-ebda ftehim la ma' Mario Borg u lanqas ma' Francesco Saverio Said. Is-Sindku spjega kif għalkemm 'it-Tender ' għalaq fl-aħħar ta' Mejju, sa l-aħħar ta' Ġunju kien għadu ma ntlaħaqx ftehim peress li ż-żewġt kunratturi baqgħu isostnu li ma jistgħux jaħdmu bil-prezz annwali ta' Euro 70,000, kif stmat u stipulat fl-istess 'Tender'<br><br>Is-Sindku spjega wkoll li Franceco Saverio Said informa l-Kunsill li kien ser iwaqqaf is-servizz minn nhar l-Erbgħa 30 ta' Gunju 2010, iżda ntlaħaq ftehim mas-Sur Said sabiex jaħdem sa l-aħħar tal-Gimgħa, jigifieri sas-Sibt 3 ta' Lulju sakemm il-Kunsill isib servizz ta' emergenża | Sindku / Segretarjat |

Is-Sindku kompla jispjega kif is-Sibt 3 ta' Lulju talabna laqgħa is-Sur Joe Attard, Segretarju tal-GRTU u ġie mifthiem li l-laqgħa ssir it-Tlieta 6 ta' Lulju. F'din il-laqgħa, li għaliha kienu preżenti is-Sindku, Viċi-Sindku, Seg. Eżekuttiv, R. Darmanin ( kordinatur rappreżentant tal-kolletturi), Joe Attard (GRTU) u l-Kuntrattur Francesco Saverio Said. Is-Sindku spjega kif is-sur Said, ġie offrut it-Tender bil prezz stabbilit mill-Kunsill ta' Euro 70,000, iżda fuq parir tar-rappreżentant tal-GRTU Said baqa' m'aċċettax.

Gie spjegat kif intalbu il-kwotazzjonijiet għall gbir ta' skart b'emergenża mingħand dawk li gabru id-dokument tat-Tender u ma tefgħawx l-offerta, li ħuma l-R&A Waste Services, Ronald Bezzina u Jesmond Zerafa .Is-Sindku spjega kif ġiet aċċettata l-irħas offerta dik ta l-R&A għas somma ta' Euro 233 kull ġurnata. Is-servizz t'emergenza beda mis-7 ta' Lulju 2010 fejn is-Sur Silvio Frendo ġie notifikat b'dan il-bdil fis-servizz.

Pace irrakomada li l-Kunsill ghandu jikteb ittra lid-Dipartiment tal-konsumatur u kompetizzjoni ġusta fuq il-fatt lil-GRTU ħarġet instruzzjonijiet lill membri tagħħa sabiex ma jaħdmux fiż-żejtun bil-prezz ta' Euro 233. Il-Kunsill qabel nem.con.

Is-Sindku spjega lill-Kunsill rigward l-iskema tal-Public Private Partnership. Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jesplora din l-iskema dwar vetturi ta' ġbir ta' skart.

**10. 6.** **Rapport ta' Xogħol fi Ġnien Brejġu**

| Riferenża | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 6. 1 | | Sindku - Gnien Brejgu | Is-sindku spjega li x-xogħol fi Gnien Brejgu issa avvanża u li fil gimgħat li gejjin ser jitwaħħlu l-Lanterni ta' l-LED. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex isir kuntatt ma Justin Attard sabiex tigi stabbilita id-data eżatta meta ser jaslu il-lanterni. | Sindku / Segretarjat |

**10. 7.** **Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf**

| Riferenża | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 7. 1 | | Sindku- Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf | Is-Sindku spjega kif bħas sena l-oħra il-Kunsill Lokali Żejtun ser jidħol għal din il-kampanja Il-Vici-Sindku nfurmat lill-Kunsill li intbgħat l-informazzjoni mitluba lis-Sja Pace rigward l-andament ta' l-inizjattiva | Viċi-Sindku |

**10. 8.** **Mozzjonijiet u Xoghlijiet**

| Riferenża | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 10. 8. 1 | | | |

**10. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenża | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 9. 1 | | Darell Pace - Problemi ta' Parkeġġ irregolari fi Triq Xatbet Landar | Pace preżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ritratti ta' karozzi ipparkjati b'mod irregolari fi triq Xatbet Landar sabiex juri l-inkonvenjent li dawn qed joħolqu lir-residenti tal-garaxxijiet. Is-sindku talab lill-Darmanin sabiex isegwi l-kas. | Darmanin |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. 9. 2 | Hawker fi Triq il-Madonna tal-Ħniena. | Tqajjmet il-kwistjoni rigward il-Hawker li qiegħed jarma f'post fejn qed jikkawża periklu fi Triq il-Madonna Tal-Hniena. Is-Sur Darmanin spjega kif kellem lis-sid tal-Hawker fejn sar qbil li dan ser ibiddel il-post b'mod immedjat. | Darmanin |
| 10. 9. 3 | Vici-Sindku - Korsijiet tat-Tfal / Żejt iż-Żejtun. | il-Vici-Sindku infurmat lill-Kunsill kif il-korsijiet tas-sajf għat-tfal bdew kif kien previst. Agius infurmat ukoll li bdiet il-ħidma wkoll sabiex titella l-attivita Żejt-iz-Żejtun. | Vici-Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8pm. Laqgħa oħra ser issir nħarit-2 ta' Settembru fis-Sala Mikiel Cacħia fl-ufficcji tal-Kunsill Lokali żejtun fis-17:45pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Fatzon
Segretarju Eżekuttiv